VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,147, 4 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 315 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Applied Biomedical Science) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Applied Biomedical Science), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 54 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafi (4) u (5) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul u li jkunu ssottomettew ċertifikat oriġinali tal-kondotta tal-pulużija riċenti (maħruġ mhux aktar minn 6 xhur qabel) lill-Fakultà sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors, għandhom jitqiesu l-ewwel.

(5) Jekk in-numru tal-applikanti li jkunu fl-aħħar kategorija ta' applikanti eliġibbli biex jidħlu skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1)(ċ) ta' dan l-ordinament huwa tali li n-numru totali ta' applikanti biex jidħlu jaqbeż in-numru ta' postijiet stabbiliti mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-livell globali milħuq mill-applikanti fis-suġġetti kollha ppreżentati għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dan għandu jkun determinat mis-somma tal-punti allokati għal kull suġġett, li għandhom ikunu assenjati kif ġej:

	Livell Avvanżat	**Livell Intermedju**
Grad A	30 punt	10 punti
Grad B	24 punt	8 punti
Grad Ċ	18 –il punt	6 punti
Grad D	12 –il punt	4 punti
Grad E	6 punti	2 punti

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jkun baqa' għandhom ikunu intervistati minn Bord tal-Intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan, sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal."